**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru 98/2023 RM**

**Ivan Grech Mintoff f'ismu proprju u in rappreżentanza tal-Partit Politiku ABBA (Reġ. Nru. EO/22/16/O)**

**-Vs-**

**Sandra Gauci u b'digriet mogħti fid-19 ta' Ġunju 2023 ġew miżjuda l-kliem "*f'isimha proprju u in rappreżentanza tal-Partit Politiku ADPD*"**
**Romina Tolu, u**
**Ralph Cassar f'ismu proprju u in rappreżentanza tal-Partit Politiku ADPD**

**Illum, 8 ta' Lulju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Ivan Grech Mintoff f'ismu proprju u in rappreżentanza tal-Partit Politiku ABBA fil-21 ta' April 2021 fir-Reġistru, fejn talab illi l-konvenuti jiġu kkundannati talli:-

1. Nhar it-30 ta' Marzu 2023 u fil-ġranet ta' qabel, għamel kummenti malafamanti u libellużi fil-konfront tal-atturi Ivan Grech Mintoff u l-Partit Politiku ABBA

billi għamlu diversi dikjarazzjonijiet diffamatorji permezz ta' midja miktuba li jikkostitwixxu allegazzjonijiet  invertieri, foloz u malafamanti fil-konfront tal-istess atturi stante li tali dikjarazzjonijiet kellhom biss l-iskop li jtellfu, jnaqqsu jew jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni, ġieħ u kredibbilita' tal-atturi u dan kif sejjer jiġi ppruvat u muri fil-mori ta' dawn il- proċeduri;

2. Senjatament, l-intimati il-partit politiku ADPD Ralph Cassar li huwa segretarju generali tal-Partit Politiku ADPD, Romina Tolu li hija segretarja internazzjonali tal-Partit Politiku ADPD, Sandra Gauci li hija d-deputat segretarju generali tal-Partit Politiku ADPD xerrdu u/jew qegħdin ixxerdu kummenti malafamanti u libellużi ma' diversi individwi, u dan permezz ta' midja miktuba, fejn stqarrew li l-attur Ivan Grech Mintofff f'ismu propju kif ukoll ghan-nom tal- Partit Politiku ABBA, waqt illi kien qiegħed jattendi attivita' għat-tfal, aġixxu b'mod mhux xieraq quddiem l-istess tfal u l-ġenituri tagħhom fejn l-attur Ivan Grech Mintoff bl-aġir tiegħu ta' fastijdju u intimida dawn l-istess tfal u l-ġenituri tagħhom.

Għaldaqstant, talab lill-Qorti sabiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni oħra li jidhulha xierqa u jew opportuna:

i. Tiddikjara, fit-termini tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta’ Malta, tali allegazzjonijiet magħmula mill-intimati, jew min minnhom, fil-konfront tal-atturi Ivan Grech Mintoff u l-Partit Politiku ABBA Illi r-rikorrent ghandu jipprova li huwa wahdu ghandu r-rapprezentata tal-partit politiku ABBA, bħala malafamanti u għalhekk libellużi stante illi kienu intiżi biss sabiex itellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni, ġieħ u kredibbilita’ ta’ Ivan Grech Mintoff u tal-Partit Politiku ABBA;

ii. Tikkundanna lill-istess intimati jħallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati minn din l-Onorabbli Qorti bħala kumpens a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta’ Malta bħala danni morali flimkien ma’ danni reali;

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta ppreżentat mill-konvenuti fit-12 ta’ Mejju 2023 fejn wieġbu u eċċepixxu:-

*“1. Illi r-rikorrent għandu jipprova li huwa waħdu għandu r-rappreżentanti tal-partit politiku ABBA u fin-nuqqas it-talbiet għandhom jiġu miċħuda in kwantu magħmula għan-nom tal-partit ABBA;*

*2. Illi l-partit politiku ADPD gie mħarrek ħażin billi l-intimat Ralph Cassar ma għandux waħdu r- rappreżentanza legali tal-partit politiku ADPD, u ghalhekk kwalunkwe talba maghmula fil- konfront tal-partit politiku ADPD għandha tiġi miċħuda;*

*3. Illi r-rikorrent għandu jipprova liema huma dawk il-kummenti fil-midja miktuba li kull wieħed mill-intimati għamlu u liema parti minn dawk il-kummenti huma malafamanti jew libellużi, u fin-nuqqas it-talbiet għandhom jiġu miċħuda;*

*Mertu*

*4. Illi l-ebda wieħed mill-intimati ma wettaq malafama fjew libell fil-konfront tar-rikorrent kemm bħala Ivan Grech Mintoff f'ismu propju kif ukoll fil-konfront tal-partit politiku ABBA;*

*5. Illi l-ebda kumment magħmul mill-intimati ma kkawża kwalunkwe dannu lir-rikorrent f' kull kapaċita, aħseb u ara dak id-dannu serju miktub mill-artikolu 3(4) tal-Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*6. Illi in kwantu wieħed jista' jifhem mit-talba li r-rikorrent jista' jkun qiegħed jirriferi għal pożizzjoni li r-rikorrent ħa fir-rigward ta' attivita kulturali li ttellgħet għat-tfal fuq is-suġġett tal-ġeneru u orjentazzjoni sesswali, l-intimati jeċepixxu li dak li huma setgħu ddikjaraw fil-pubbliku jammonta għal opinjoni onesta protetta f' artikolu 4(2) tal-Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta, u hija oppinjoni li tindika ċ-ċirkostanzi fuq liema hija bbażata, kif ukoll fuq fatti li kienu jeżistu fiż-żmien tal-pubblikazzjoni;*

*7. Illi in oltre, l-intimati jeċepixxu li l-kummenti tagħhom saru f'kuntest ta' kontroversja pubblika, dwar kwistjoni ta' interess pubbliku li diga kienet qegħda tiġi diskussa fid-dominju pubbliku u ghalhekk hija komunikazzjoni privileġġjata skon l-artikolu 4(2) u 4(4) tal-Kapitoli 579 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*8. Illi inoltre l-kummenti magħmula mill-intimati huma espressjoni protetta skond l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea u cioe id-dritt tal-liberta tal-espressjoni, espressi fuq kwistjoni ta' interess pubbliku, fuq kwistjoni ta' drittijiet ċivili bħal dawk tal-ugwaljanza, tal-familja, u tal-kultura, espressi f' dibattitu li kien diga qiegħed fid-dominju pubbliku, espresso minn esponenti ta' partit politiku fil-konfront ta' esponenti ta' partit politiku, liema kummenti jirrapreżentaw l-espresjoni u l-parteċipazzjoni tal-intimati fid-djalogu soċjali, kulturali u politiku fi ħdan demokrazzija;*

*9. Illi s-sejba ta' dik l-espressjoni u parteċipazzjoni fid-djalogu meħtieġ f'soċjeta*

*demokratika bħala wieħed malafamanti jew libelluż ikun jammonta għal limitazzjoni mhux neċċesarja f'soċjeta demokratika, speċjalment meta wieħed jikkunsidra li r-rikorrent bħala persuna attiv fil-ħajja politika u bħala rapprezentant ta' partit politiku huwa mistenni li jkun miftuħ għal aktar kritika minn persuna privata;*

10. *Illi ma ġew ikkawżati l-ebda danni għar-reputazzjoni tar-rikorrenti, kemm bħala Ivan Grech Mintoff personali kif ukoll bħala partit politiku ABBA u għalhekk ma għandhom jiġu likwidati l-ebda danni ;*

11. *Illi mingħajr pregudizzju għal dan, kwalunkwe likwidazzjoni ta' danni għandha tieħu in konsiderazzjoni l-aspett li l-kummenti saru f' kuntest ta' kontroversja politika, dwar materja ta' interess pubbliku, bejn politiċi, u għandhom jinżammu għal ammont minimu ta ħafna;*

12. *Illi in oltre t-talbiet tar-rikorrent pro et nomine huma nfondati fil-fatt u fid-dritt."*

Rat id-digriet mogħti fid-19 ta' Ġunju 2023 fejn awtorizzat il-korrezzjoni mitluba mill-attur fl-okkju tar-Rikors promotur biex wara l-isem tal-konvenuta Sandra Gauci, jiżdiedu l-kliem "*f 'isimha proprju u in rappreżentanza tal-Partit Politiku ADPD*";

Rat id-digriet tagħha mogħti fil-31 ta' Mejju 2023 fejn ordnat lill-attur sabiex nota li kellha tiġi ppreżentata fi żmien ġimgħa, jipproduci l-pubblikazzjonijiet allegatament malafamanti u rat in-nota ppreżentata mill-istess attur in ottemperanza tal-imsemmi digriet, fit-2 ta' Ġunju 2023 u l-pubblikazzjonijiet annessi;

Rat ukoll id-digriet tagħha mogħti wkoll fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2023 għall-finijiet tal-artikolu 10 tal-Kap. 579, fejn qieset li peress li l-vertenza hija essenzjalment bejn żewġ partiti politiċi, ma jkunx opportun illi tibgħat lill-partijiet għal proċess ta' medjazzjoni;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2024;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din hija azzjoni għal malafama istitwita taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kapitolu 579). Il-publikazzjonijiet impunjati f'din il-kawża jikkonsistu f'diversi *posts* li ttellgħu mill-Partit Politiku ADPD kif ukoll mill-konvenuti Mina Jack Tolu, Ralph Cassar u Sandra Gauci fuq il-paġna fuq Facebook tagħhom personali kif ukoll tal-Partit Politiku ADPD, bejn it-28 ta' Marzu 2023 u t-30 ta' Marzu 2023[1]. L-attur Ivan Grech Mintoff, *de proprio* u in rappreżantanza tal-Partit Politiku ABBA, impunja wkoll pubblikazzjonijiet fuq diversi *online news portals* fosthom The Malta Independent u Newsbook fit-28 ta' Marzu 2023 u Maltatoday u Times of Malta fit-30 ta' Marzu 2023 (Dok. FT2), kif ukoll pubblikazzjoni fuq is-sit elettroniku tal-Partit Politiku ADPD fit-30 ta' Marzu 2023 u stqarrija għall-istampa rilaxxata mill-istess Partit ADPD fit-30 ta' Marzu 2023 (Dok. FT3).

In essenza, il-pubblikazzjonijiet kollha jittrattaw il-presenza tal-attur Ivan Grech Mintoff, li huwa l-kap u r-rappreżentant legali tal-Partit Politiku ABBA, u ta' membri oħrajn tal-kumitat eżekuttiv istess Partit, li attendew għal attivita' organizzata minn Spazju Kreattiv bħala parti mill-Festival Żigużajg, fejn ġie mtella' dramm bl-isem 'Gender Boss' u ġie wkoll organizzat creative workshop, li ttrattaw it-tema tad-diversita' fil-ġenru u l-liberta' tal-għażla tal-orjentazzjoni sesswali fost it-tfal. Wara li rat il-provi, il-Qorti fehmet illi dawn il-wirjiet kienu imfasslin sewwasew għat-tfal biex jifhmu aħjar il-kunċett ta' *gender fluidity* u biex jitwassal messaġġ pożittiv favur id-diversita' fil-ġenru u għarfien dwar l-isfidi li jgħaddu minnhom persuni LGBTIQ+[2]. Fil-fatt, l-artikolu ppubblikat minn Maltatoday fit-30 ta' Marzu 2023 (parti minn Dok.

[1] Pubblikazzjonijiet esebiti kollettivament bħala Dok. FT1.
[2] Ara paġna 118, dokument mehmuż mal-Affidavit ta' Mina Jack Tolu.

FT2) jiċċita s-sit elettroniku ta' Żigużajg fejn 'Gender Boss' ġie deskritt bħala "*a multidisciplinary performance aimed at teaching youngsters about gender fluidity"* u *"entertaining the concept that gender is flexible and adaptable, not selected for you but by you"*.

Il-pubblikazzjonijiet impunjati fl-assjem tagħhom iwasslu r-rejazzjoni ta' tħassib tal-Partit ADPD għall-presenza u aġir tal-membri tal-Partit ABBA waqt din l-imsemmija attivita' għat-tfal, liema presenza ġiet deskritta in essenza bħala manifestazzjoni perikoluża, skifuża u ta' stmerrija, ta' aġir trasfobiku u intimidazzjoni u fastidju tat-tfal li attendew l-attivita' ta' Żigużajg da parti ta' partit politiku reġistrat.

Il-konvenut Ralph Cassar fil-pubblikazzjoni tat-28 ta' Marzu 2024 fuq paġna tal-midja soċjali tiegħu stess, ikkritika ulterjorment l-istil politiku tal-lemin estrem reliġjuż li jgħid li huwa mħaddan mill-attur Ivan Grech Mintoff, liema stil politiku iddeskrivih bħala "*ġenn*" u "*gideb u teoriji fantastiċi li jimminaw lid-demokrazija*".

Imbagħad, il-pubblikazzjonijiet fuq in-*news portals* elettroniċi ta' Maltatoday u Times of Malta jirriproduċu l-istqarrijiet tal-Partit ADPD b'rejazzjoni għall-presenza tal-attur u membri tal-eżekuttiv tal-Partit ABBA, kif ukoll il-kundanna tal-istess Partit ABBA tal-attivita' in diżamina, li ġie deskritt mill-Partit bħala attakk fuq il-kunċett tal-familja tradizzjonali u valuri tal-kristjaneżimu.

Fl-istess waqt, il-Qorti fehmet ukoll li s-suġġett ta' *gender fluidity* fost it-tfal huwa wieħed sensittiv kif ukoll ftit jew wisq kontroversjali, tant illi huwa oppost bil-qawwa mill-politika tal-Partit ABBA. Mill-atti u l-provi jidher li l-Partit ABBA jħaddan ideoloġija konservattiva kristjana favur il-preservazzjoni tal-kunċett tal-familja tradizzjonali u jippromwovi politika kontra attivitajiet bħal dawk organizzati bħala parti mill-Festival Żigużajg, billi jqis it-trawwim ta' kultura soċjali favur diversita' fil-ġenru partikolarment fost it-tfal, bħala abbuż u indottrinament sesswali organizzat. Min-naħa l-oħra, il-Qorti fehmet illi l-politika tal-Partit ADPD li minnu jifformaw parti l-konvenuti f'din il-kawża jidher li hija waħda fermement kontra politika tal-

lemin estrem u kontra kull forma ta' diskriminazzjoni, iżda favur l-ugwaljanza u soċjeta' pluralistika fejn jirrenja r-rispett għad-diversita' fil-ġenru[3].

Fil-fatt, il-pubblikazzjonijiet fuq id-diversi *news portals*, li jinsabu esebiti kollettivament f'Dok. FT3, jimmanifestaw tajjeb dan il-konflitt bejn l-ideoloġiji estremament opposti tal-Partit politiku rappreżentat minn jew li minnu jifformaw parti l-konvenuti, u l-Partit politiku li huwa l-Kap tiegħu l-attur Ivan Grech Mintoff. Filwaqt illi l-konvenuti u l-Partit tagħhom ġew rapportati li iddikjaraw pubblikament illi l-presenza tal-attur u persuni oħrajn tal-Partit ABBA fi Spazju Kreattiv waqt ir-reċta mtella' għat-tfal fejn ġibdu filmat tat-tfal fir-reċta, u l-presenza ta' uffiċjali tas-sigurta' minħabba, tikkostitwixxi intimidazzjoni u fastidju tat-tfal kif ukoll attakk fuq il-pluraliżmu u tolleranza lejn id-diversita' tal-ġenru, tant illi talbu lill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal jinvestiga dan l-episodju, il-Partit ABBA ġie rapportat illi rrejaġixxa pubblikament għal dawk id-dikjarazzjonijiet billi ddikjara l-intenzjoni tiegħu li jfittex li tittieħed azzjoni legali kontra l-organizzaturi tal-wirja minħabba dak li ġie deskritt mill-Partit bħala "*terapija ta' konverżjoni illegali u sesswalizzazzjoni bikrija*" ta' tfal żgħar li jmur kontra l-politika tal-Partit li hija msejsa fuq il-preservazzjoni ta' valuri tradizzjonali kristjani[4].

Ikkunsidrat;

L-attur Ivan Grech Mintoff xehed li ħassu aggravat bl-istqarrijiet tal-konvenuti li ddeskrivew il-Partit ABBA bħala partit tal-lemin estrem fondamentalist u bil-kumment tal-konvenut Mina Tolu - "*I remain extremely concerned by the dangerous behaviour and actions of a registered political party*" - u fisser illi b'dawn il-kummenti l-konvenuti qed jipprovaw iħammġu partit politiku kif ukoll jattakkawh personalment. Jisħaq li l-partit ABBA huwa Partit konservattiv-kristjan jiġġieled kontra l-fondamentaliżmu u jiċħad li l-Partit tiegħu iħaddan politika ta' estremiżmu u

---

[3] Ara xhieda ta' Ralph Cassar u Mina Tolu, 8 ta' Novembru 2023. Ara wkoll Affidavit ta' Sandra Gauci, Dok. SG1.
[4] Ara dokumenti mehmużin mal-Affidavit ta' Mina Tolu, paġna 135 sa paġna 167 tal-atti tal-kawża.

insista wkoll li l-politika tal-Partit huwa favur il-protezzjoni tat-tfal u mhux l-intimidazzjoni tagħhom.

Filwaqt li afferma illi huwa flimkien ma' membri oħrajn tal-kumitat eżekuttiv tal-Partit ABBA kienu attendew għall-attivita' ġewwa Spazju Kreattiv u sostna li l-uffiċjali tas-sigurta' kienu diġa' preżenti meta waslu fuq il-post, l-attur innega speċifikatament illi kienu intimidaw lil xi ħadd u li xi ħadd minnhom tkellem mat-tfal li kienu qed jipparteċipaw fir-reċta jew ma' xi ġenitur.

Ħassu aggravat ukoll bil-kummenti tal-konvenut Ralph Cassar fil-pubblikazzjoni tat-28 ta' Marzu 2023[5] fejn xebbħu mal-fundamentalisti tal-lemin estrem reliġjuż stil Amerikan u għajjarhom bħala "*skifużi*" u "*mimlijin mibgħeda u fl-istess ħin redikoli*" fejn il-politika tagħhom huwa mimli "*gideb u teoriji fantastiċi*". Impunja wkoll id-dikjarazzjoni ta' Ralph Cassar fejn iddeskrivih bħala persuna li jobgħod lill-Amerikani Lhud u lill-Musulmani u ddikjara li ħassu offiż illi l-konvenut Ralph Cassar stqarr illi l-fatt li mar jara din ir-reċta jfisser li għandu mibgħeda lejn id-diversita' u l-pluraliżmu u d-demokrazija. L-attur ċaħad li huwa u l-Partit tiegħu jippropogaw xi forma ta' mibgħeda u insista li huwa kien qed jagħmel xogħolu bħala l-Kap tal-Partit ABBA meta attenda għall-attivita' tal-Festival Żigużajg għaliex ried jivverifika jekk it-tfal kienux qed jiġu esposti għal ħwejjeġ li jmorru kontra l-politika tal-Partit u saħaq ukoll li huma dritt fondamentali tat-tfal li jiġu protetti kontra materji li jagħmlu ħsara.

L-attur issenjala wkoll bħala malafamanti l-bran fil-pubblikazzjoni mtella' mill-konvenut Mina Jack Tolu fejn ġie allegat li l-presenza ta' uffiċjali tas-sigurta' waqt ir-reċta kienet meħtieġa minħabba l-attendenza tal-membri tal-Partit ABBA kienu qegħin ixekklu "*children's access to culture in a safe environment*", kif ukoll id-deskrizzjoni tal-Partit ABBA fil-*post* tal-konvenuta Sandra Gauci, bħala *the moral police*".

[5] Ara paġna 20 sa paġna 21 tal-atti tal-kawża.

Impunja wkoll il-fatt illi l-pubblikazzjonijiet li saru fuq il-mezzi tal-midja soċjali tal-Partit ADPD u tal-konvenuti rispettivament, ġew riprodotti fil-midja fuq diversi *news portals* u saħaq li l-istqarrijiet tal-Partit ADPD u l-konvenuti personalment jikkostitwixxu intimidazzjoni politika.

Ikkunsidrat;

Illi kif rajna, l-attur qiegħed jimpunja fost pubblikazzjonijiet oħrajn, dawk il-pubblikazzjonijiet li saru fuq is-siti elettroniċi ta' Newsbook, The Malta Independent, Times of Malta u Maltatoday (Dok. FT2).

L-artikolu 3(3) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama jiddisponi illi l-azzjoni għal malafama tista' tittieħed biss fil-konfront tal-awtur, l-editur u, f'każ li ebda wieħed minn dawn il-persuna ma jista' jiġi identifikat, ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni.

Huwa indiskuss illi l-imsemmija pubblikazzjonijiet (Dok. FT2) ma ġewx ippubblikati mill-konvenuti u l-konvenuti m'humiex lanqas l-awturi jew l-edituri tal-istess artikoli. Fil-fatt, jirriżulta li l-artikolu ppubblikat fuq maltatoday.com inkiteb minn Nicole Meilak, l-artikolu pubblikat minn Newsbook inkiteb minn Gavin Muscat, filwaqt illi l-awturi tal-artikoli ppubblikati fuq is-sit elettroniku independent.com.mt u timesofmalta.com ma ġewx identifikati. Ma ġewx identifikati lanqas l-edituri tan-*news portals* imsemmija u f'kull każ jidher li ħadd minn dawn il-persuni ma ġew imħarrkin biex iwieġbu għall-azzjoni għal malafama.

Il-Qorti hija tal-fehma illi l-limitazzjoni introdotta fl-Att dwar il-Midja u l-Malafama tal-persuni li jistgħu joqgħodu fil-ġudizzju bħala l-imħarrkin f'azzjoni għal malafama taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, kienet maħsuba speċifikatament biex il-ġurisdizzjoni tal-qrati tiġi ċirkoskritta għal azzjonijiet għal malafama li jinġiebu fil-konfront tal-pubblikatur oriġinali tal-istqarrija impunjata u biex jipprekludi t-teħid ta' azzjoni għal malafama fil-konfront ta' pubblikaturi sekondarji.

Fil-każ in diżamina l-erba' artikoli pubblikati min-*news portals* fuq imsemmija irriproduċew testwalment l-istqarrijiet oriġinarjament pubblikati mill-Partit ADPD fuq is-sit tagħhom www.adpd.mt u fi *press release* tat-30 ta' Marzu 2023, liema stqarrijiet uħud minnhom qegħdin jiġu impunjati speċifikatament f'din il-kawża.

F'każijiet bħal dawn, fejn l-istqarriija malafamanti tal-konvenut tiġi volontarjament ripubblikata mill-persuna li lilha ġiet ippubblikata jew minn persuna oħra, tqum il-kwistjoni dwar jekk il-konvenut jistax jinżamm responsabbli għall-ħsara kkaġunata mill-pubblikazzjoni sussegwenti. Fir-rigward, Gatley jikkummenta hekk:-

"*In such a case the claimant may have a choice: he may (1) sue the defendant for both the original publication and for the republication as two separate causes of action, or (2) sue the defendant in respect of the original publication only, but seek to recover as a consequence of that original publication, the damage which he has suffered by reason of its repetition, so long as such damage is not too remote*".[6]

Evidentement, fil-każ in diżamina, l-attur għażel li jħarrek lill-konvenuti bħala l-awturi tal-pubblikazzjonijiet kollha, oriġinali u sussegwenti, tal-istqarrijiet allegatament malafamanti li saru minnhom rispettivament. Gatley jikkummenta li f'każ bħal dan, l-awtur tal-pubblikazzjoni tal-istqarrija malafamanti oriġinali huwa responsabbli għall-konsegwenzi ta' pubblikazzjonijiet sussegwenti:-

"*In some cases the original publisher authorises or intends the republication. Thus if a person submits material to a newspaper or tells a reporter a story defamatory of the claimant without restriction on its publication, makes statements at a press conference or issues a press release, he will be liable for the publication in the newspaper. An express authority or request to publish is unnecessary*."[7]

---

[6] On Libel and Slander, 2013 Ed. 6.52, page 254

[7] *Ibid.* 6.53 page 257/258.

Huwa ovvju għall-Qorti illi l-istqarrijiet ippubblikati mill-konvenuti fir-rigward tal-episodju mertu tal-kawża u li ġew riprodotti f'pubblikazzjonijiet sussegwenti minn terzi, kienu sewwasaew intiżi biex jiġu riprodotti u disseminati u għalhekk tqis illi l-pubblikazzjoni *verbatim* minn diversi *news portals* ta' dawn l-istess dikjarazzjonijiet indubbjament saret bl-awtorita' taċita tal-konvenuti li, bħala l-pubblikaturi orġinali tal-istqarrijiet rispettivi tagħhom ripubblikati minn terzi, għandhom jibqgħu jitqiesu bħala l-awturi għall-finijiet tal-artikolu 3(3) tal-Kap. 579. Dan ifisser illi l-fatt li ma ġewx imħarrkin biex iwiegbu għal malafama, l-awturi tal-artikoli pubblikati mill-imsemmija *news portals*, ma hi ta' ebda konsegwenza.

Ikkunsidrat;

Illi mix-xhieda tal-attur Ivan Grech Mintoff kif ukoll mill-istatut tal-Partit ABBA esebit minnu, jirriżulta illi l-istess attur għandu waħdu r-rappreżentanza legali tal-istess Partit, liema partit skont l-istess Statut huwa mogħni b'personalita' legali distinta u bil-jedd li joqgħod f'ġudizzju bħala l-attur jew il-konvenut. Għalhekk, il-Qorti hi sodisfatta li l-partit ABBA li huwa wieħed mill-persuni li ħassithom aggravati bil-pubblikazzjonijiet mertu tal-azzjoni, huwa korp rappreżentat legalment f'din l-azzjoni mill-attur Ivan Grech Mintoff u konsegwentement, l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti hi sorvolata.

Iżda, stabbilit li fost il-persuni aggravati f'dan il-każ insibu lill-partit ABBA, il-Qorti trid tibda biex tistabbilixxi jekk ġewx ippruvati l-kriterji stabbiliti mil-liġi għall-azzjonabilita' tal-allegat malafama minn din l-entita'.

L-artikolu 3(4) tal-Att jipprovdi li stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba. L-istess dispożizzjoni legali mbagħad tipprovdi li fil-każ li l-persuna li tħossha aggravata bl-istqarrijiet allegatament diffamatorji, tkun korp li jopera għal profitt, il-ħsara lir-reputazzjoni ma titqiesx li hija ħsara serja sakemm ma tkunx ikkawżat jew tkun ser tikkawża telf finanzjarju serju.

Il-Qorti fliet l-Istatut tal-Partit ABBA iżda ma riskontrat ebda dispożizzjoni li tagħti x'tifhem li l-partit huwa korp li jopera għal profitt u li jagħmel xi qligħ mill-ħlas tat-tesseri jew l-attivitajiet tagħha u fix-xhieda tal-attur u l-provi li ressaq f'din l-azzjoni hemm xejn li juri li l-partit jopera biex jiġġenera profittiu jagħmel il-qligħ.

Għandu jingħad illi l-għan tal-azzjoni għal malafama hu l-vindikazzjoni tal-ħsara kkaġunata lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata b'riżultat tal-pubblikazzjoni ta' stqarrijiet diffamatorji, u dan bil-likwidazzjoni u ħlas ta' danni morali biex jikkumpensaw għal dik il-ħsara[8]. Iżda fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, il-partit ABBA bħala l-persuna aggravata b'dawn l-istqarrijiet la hi persuna naturali, ċioe' ċittadin privat jew persuna pubblika li soffriet ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha, u lanqas m'hi korp li jopera għal profitt. Tabilħaqq il-liġi tal-malafama tapplika għal soċjetajiet u korpi oħrajn li joperaw bi qligħ - anke jekk l-attivita' li tiġġenera l-profitt tkun tifforma biss parti żgħira mill-operazzjonijiet tal-korp - biex jiġi tutelat is-suċċess kummerċjali u l-vijabbilita' ta' kumpanniji għall-benefiċċju tal-azzjonisti u impjegati tagħhom. Dan qed jingħad għaliex korp ma jistax isofri ħsara fir-relazzjonijiet soċjali tiegħu jew ħsara emozzjonali b'riżultat tal-pubblikazzjoni ta' stqarrijiet malafamanti iżda jista' jsofri ħsara biss f'termini finanzjarji ċioe' fit-tnaqqis fil-valur tal-assi, inkluż *goodwill* tal-korp liema tnaqqis issarraf fl-aħħar mill-aħħar f'telf ta' profitti.

Gatley jgħid hekk dwar il-persuni li jistgħu u li ma jistgħux iresssqu azzjoni għal malafama:-

"*While a trading corporation is clearly a 'body that trades for profit', the Act is not limited to such entities: any non-natural person* ***that trades for profit whether that is their only or merely a minor part of their purpose****, will be covered. Thus, charities may fall within the provision, in so far as they are involved in trade for profit, as may*

---

[8] Blackstone, fil-kummenti tiegħu dwar il-liġi tal-malafama taħt id-Defamation Act UK (2013), jgħid illi similment għall-pożizzjoni taħt id-dritt komuni:- *"... a statement must surely still have the effect of lowering the claimant in the estimation of 'right thinking members of society generally' if it is to be defamatory".* - Blackstone's Guide to the Defamation Act 2013. (Oxford University Press, 2013) - 2.42, page 22.

*non-governmental organisations, trade unions and employers' associations, and public bodies."*[9]

Il-ħsieb wara dan l-insenjament huwa mfisser hekk minn Gatley:-

"*What seems clear is that the requirement that serious financial loss must be caused or be likely, recognises that such bodies, unlike human beings, can only be damaged in their pocket and consequently an injury must sound in money*."[10]

Għaldaqstant, fejn il-korp ma joperax għal profitt, ma jistax ibati telf finanzjarju. Kif stabbilit, il-partit politiku ABBA m'huwiex entita' kummerċjali jew korp li jopera għal profitt u ma jirriżultax li għandu *goodwill*, ishma jew assi oħrajn b'valur kwantifikabbli li jista' jsofri deprezzament f'termini monetarji u jwassal allura għal telf jew diminuzzjoni fil-finanzi tiegħu minħabba l-pubblikazzjoni xi stqarrija malafamanti. Dan ifisser illi ma jistax isofri dak it-telf finanzjarju li huwa fil-mira tal-artikolu 3(4) tal-Att għaliex il-ħsara lir-reputazzjoni ma ssarrafx u ma tistax issarraf fi ħsara fil-but tiegħu[11]. Huwa immaterjali li "*bħala partit "aħna rċevejna ħafna ħafna backlash mill-media bħal ma qed tara u mill-pubbliku li aħna qed niħħeressjaw lit-tfal iż-zgħar u lill-ġenituri tagħhom, mhuwiex vera absolutely not true.*"

Duncan and Neil[12] jagħmlu riferenza għad-deċiżjoni fil-każ **Goldsmith v. Bhoyrul** [(1998) QB 459] fejn il-prinċipju enunċjat fil-każ **Derbyshire County Council v. Times Newspapers Ltd.**, ċioe' li entitajiet u istituzzjonijiet tal-gvern ċentrali u lokali huma preklużi milli jressqu 'l quddiem azzjoni għal malafama, ġie estiż biex jeskludi azzjoni għal malafama miġjuba minn partit politiku.

---

[9] Intqal ukoll, iktar riċentement illi jekk il-kummerċ eżerċitat minn istituzzjoni tal-karita' jew organizzazzjoni non-governattiva jikkostitwixxi biss parti żgħira tal-operat tal-korp u tal-iskop iktar wiesa' tal-attivitajiet tiegħu u ma jkunx eżerċitat bl-iskop tad-distribuzzjoni tal-profitti lill-azzjonisti jew il-membri, dan ukoll ikun biżżejjed biex jirradika l-*locus standi* tal-korp għall-fini ta' azzjoni għal malafama.

[10] Gatley, *ibid.* Second Supplement to 12th Ed. (2017) 2.8, p. 13.

[9] Barra dan il-fatt illi ħadd ma xehed biex ifisser kif in-nuqqas ta' tesserati tista' tiddanneġġja l-operat tal-Federazzjoni u tikkawża telf finanzjarju li huwa serju u fi kwalsiasi każ, kif diġa' ġie osservat, ma ġewx prodotti l-kontijiet finanzjarji biex tiġi sostanzjata l-allegazzjoni ta' telf finanzjarju.

[12] *On Defamation*, Fifth Ed. (2020), paġna 118, 10.07.

Dan il-fatt fih innifsu jeskludi b'mod definittiv il-*locus standi* tal-partit politiku ABBA biexi imexxi 'l quddiem azzjoni għal malafama taħt l-Att għaliex il-kriterju ta' telf finanzjarju serju ma jista' qatt jiġi sodisfatt fir-rigward ta' korp, għaqda jew organizzazzjoni li ma joperawx għal profitt[13]. Konsegwentement, billi l-Partit ma jistax jitqies li għandu reputazzjoni li tista' tiġi skreditata moralment f'għajnejn is-soċjeta' in ġenerali b'riżultat tal-pubblikazzjoni ta' stqarrijiet diffamatorji, ma hemm ebda skop għat-tutela ta' xi reputazzjoni taħt il-liġi tad-diffamazzjoni.

Għaldaqstant, anke jekk kellu jirriżulta li d-dikjarazzjonijiet ippubblikati mill-konvenuti jew minn xi ħadd minnhom tassew iwasslu imputazzjoni li hi diffamatorja għall-Partit, din m'hijiex azzjonabbli minnha taħt l-Att. Madanakollu, xejn ma jżomm lill-membri individwali tal-korp – f'dan il-każ partit politiku – milli jressqu 'l quddiem azzjoni għal malafama għall-ħsara ikkaġunata lir-reputazzjoni personali tagħhom b'effett tal-istqarrijiet ippubblikati fir-rigward tal-istess korp, purche' jintwera li huma identifikati personalment fil-pubblikazzjoni impunjata.

Ikkunsidrat;

Illi in kwantu għall-attur Ivan Grech Mintoff personalment, il-Qorti sejra tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

Kif diġa' ġie kkunsidrat iktar qabel, il-pubblikazzjonijiet impunjati lkoll jikkostitwixxu kritika minn esponenti ta' partit politiku li jikkampanja favur il-liberaliżmu u soċjeta' pluralistika, tal-politika konservattiva ta' partit politiku u tal-aġir tal-esponenti tiegħu fil-kuntest ta' attivita' li kienet intiża biex jitwassal messaġġ ta' għarfien fost it-tfal ta' kultura li taċċetta d-diversita' fil-ġenru u fl-orjentazzjoni sesswali: materja sensittiva kif ukoll kontroversjali li tikkozza mal-politika tal-Partit

[13] *"It is suggested that the better view may be that if the activities of a charity or similar organisation include trading for profit they should be treated as falling within s.1(2)".*

ABBA li, kif jirriżulta mill-provi u l-atti proċesswali, jippropoga valuri tradizzjonali kristjani konservattivi.

Illi safejn jidħol l-istatus tal-pubblikatur u tal-persuna aggravata, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi ż-żewġ partijiet huma partiti politiċi u l-esponenti tagħhom, liema partiti jħaddnu ideoloġiji politiċi pjuttost imbegħdin minn xulxin. Għalhekk, wieħed jista' faċilment jistenna li jsiru attakki reċiproċi fuq livell politiku bejniethom.

Illi in kwantu għall-attur Ivan Grech Mintoff *de proprio*, jirriżulta li huwa l-Kap tal-Partit ABBA, filwaqt li l-konvenuti Sandra Gauci u Ralph Cassar flimkien jirrappreżentaw lill-Partit ADPD. Dan ifisser li bħala persuna pubblika b'kariga politika ewlenija, l-attur hu mistenni jittollera grad ferm iktar wiesa' ta' kritika milli hija mistennija tittollera persuna privata.

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' sikwit enfasizzat li l-protezzjoni tar-reputazzjonijiet fl-arena politika trid titwieżen kontra l-interessi tad-diskussjoni miftuħa fuq materji politiċi u li l-persuni fil-politika jridu jittolleraw grad ferm iktar wiesa' ta' kritika tal-kondotta tagħhom mill-grad ta' tolleranza mistennija minn persuni privati.

Fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz ta' **Feldek v. Slovakia**[14], intqal hekk in propositu:-

*"74. The Court further recalls that there is little scope under Article 10 § 2 of the Convention for restrictions on political speech or on debate on questions of public interest (see Sürek v. Turkey (no. 1) [GC], no. 26682/95, § 61,ECHR 1999-IV). Moreover, the limits of acceptable criticism are wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his words and deeds by journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of*

[14] App. No. 29032/95, deciz 12 ta' Lulju 2001 ECHR.

*tolerance (see Lingens v. Austria, judgment of 8 July 1986, Series A no. 103, p. 26, § 42, or Incal v. Turkey, judgment of 9 June 1998, Reports 1998-IV, p. 1567, § 54).*

…

*83. The Court emphasises that the promotion of free political debate is a very important feature of a democratic society. It attaches the highest importance to the freedom of expression in the context of political debate and considers that very strong reasons are required to justify restrictions on political speech. Allowing broad restrictions on political speech in individual cases would undoubtedly affect respect for the freedom of expression in general in the State concerned."* [15]

Dan il-prinċipju ġie estiż, kif imfisser elokwentement fid-deċiżjoni **McLaughlan v. Orr Pollock & Co.**, biex japplika wkoll għall-kondotta ta' persuni involuti fil-politika:-

"*the utmost freedom in the discussion of the conduct and motives of those who take part in* [political affairs], *whether in the higher plain of statesmanship or in the conduct of local affairs. In such criticism, ridicule is just as legitimate as any other rhetorical artifice. If ... this should take up rough language and unmannerly jests, the person aggrieved must put up with it."*[16]

Għalkemm indubbjament, il-fatt innifsu li l-persuna aggravata hija persuna pubblika u politika ma jfissirx illi kull xorta ta' pubblikazzjoni ta' allegazzjonijiet u imputazzjonijiet diffamatorji jistgħu jsiru b'impunita` u kif ġieb u laħaq, fl-istess waqt, il-karattru politiku u l-pożizzjoni pubblika tal-persuna aggravata jinċidu sewwasew fuq il-materja dwar il-kwalifika diffamatorja o meno tal-istqarrijiet impunjati[17] fil-każ konkret u tassew, fil-każ in diżamina l-imputazzjonijiet li jitnisslu

---

[15] Ara **Hrico v. Slovakia**, 2003, u **Jerusalem v. Austria**, 2005.

[16] Ċitata f'Gatley, *ibid.* 2.42 page 86.

[17] *"The public position or character of a claimant is relevant to whether words complained of bear a defamatory meaning"* - **Dell'Olio v. Associated Newspapers Ltd** [2011] EWHC 3472 (QB) Tugendhat J.

mill-*posts* tal-konvenuti għandhom x'jaqsmu direttament mat-twettiq tal-funzjonijiet pubblici tal-attur u l-kondotta tiegħu fuq livell politiku, u ma jirreferux għall-kondotta tiegħu fil-ħajja personali jew jinċidu fuq il-privatezza tiegħu.

Fil-fatt, in propostu intqal illi "*... right-thinking members of society, for example, may understand attacks by politicians on one another, not imputing some base, dishonourable or dishonest motive or hypocrisy, to be fair game in the context of the modern political struggle.*"[18]

Hija l-fehma tal-Qorti li ebda waħda mill-pubblikazzjonijiet impunjati f'din l-azzjoni, la dawk li saru minn Mina Tolu, Sandra Gauci u mill-Partit ADPD, u lanqas il-pubblikazzjoni li saret mill-konvenut Ralph Cassar, fihom imputazzjonijiet ta' xi propensita' diffamatorja. Dan qed jingħad għaliex f'ebda waqt ma sar attakk fuq il-karattru morali tal-persuna aggravata u l-kondotta tagħha fuq livell li jista' jimmina l-integrita' tiegħu u lanqas li jnaqqsu mill-kunfidenza u fiduċja fis-soġġett u jtappnu l-istima tiegħu f'għajnejn il-pubbliku in ġenerali[19] b'mod li: "....[they would] *imply some moral disparagement of the person which tends to lower the plaintiff in the estimation of reasonable people*"[20] u kif ukoll jolqot sostanzjalment u *"... in an adverse manner the attitude of other people toward the person*"[21].

Fir-rigward imbagħad tal-istqarrijiet li saru mil,-konvenut Ralph Cassar fil-pubblikazzjoni tat-28 ta' Marzu 2024 fuq paġna tal-midja soċjali tiegħu stess, jirriżulta illi l-konvenut ikkritika l-istil politiku tal-lemin estrem reliġjuż li jgħid li huwa mħaddan mill-attur Ivan Grech Mintoff, iddeskrivih bħala "*ġenn*" u "*gideb u teoriji fantastiċi li jimminaw lid-demokrazija*" u assimila l-politika propagata mill-attur mal-politika tal-fundamentalisti tal-lemin estrem reliġjuż stil Amerikan, liema persuni l-konvenut iddeskrivahom bħala "*skifużi*" u "*mimlijin mibgħeda u fl-istess ħin redikoli*".

[18] Ara **Waterson v. Lloyd** [2013] EWCA Civ. 136, paras. 42, 66.
[19] *"the words will be defamatory because of the injury to his reputation in his trade, profession or office and that is enough."*
[20] Collins, *ibid*. 6.21, pg. 120.
[21] Collins, *ibid*. 6.23. Ara wkoll **Berkhoff v Burchill** (2010) EWHC, 1414 (QB).

Il-Qorti tosserva illi ma jirriżultax illi l-konvenut Ralph Cassar għamel allegazzjoni jew imputazzjoni speċifika ta' kondotta ħażina jew abbużiva da parti tal-attur bħala individwu, iżda bħala esponent ta' twemmin politiku li ma jaqbel xejn miegħu, li jqis lil kull min iħaddan din il-politika, inkluż lil-attur, bħala redikolu, skifuż u mimli mibgħeda.

Il-Qorti tirribadixxi illi hija l-fehma tagħha li stqarrijiet li jsarrfu f'xorta ta' kritika politika fejn esponent ta' partit wieħed jattakka esponent ta' partit mill-kamp oppost fuq livell politiku - f'dan il-każ in konnessjoni ma' imġieba li qed jiġi allegat li jixbaħ il-politika tal-lemin-estrem reliġjuż - mingħajr imputazzjoni speċifika li tattakka lill-attur personalment b'allegazzjoni ta' kondotta ħażina, immorali jew illegali fuq livell personali, m'humiex kapaċi jikkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata fuq livell personali. Għalhekk, diffiċilment tista' tasal biex tqis dawn l-istqarrijiet ta' kritika fuq livell politiku bejn esponenti ta' partiti politiċi differenti, jew stqarrijiet li jikkritikaw lill-persuna aggravata għat-twemmin politiku tagħha u l-ideoloġija tal-partit politiku li jifforma parti minnu jew li hu rappreżentat minnu, bħala diffamatorji fil-konfront tal-attur personalment.

Għandu jiġi enfasizzat illi fl-isfond ta' l-istqarrijiet tal-konvenut Ralph Cassar nsibu sewwasew l-episodju tal-attivita' tal-Festival Żigużajg liema attivita' evidentement ġiet politiċizzata mill-attur, li stqarr huwa stess li l-partit tiegħu kien ippubblika stqarrija kontra l-organizzazzjoni ta' attivitajiet bħal dawk li qieshom bħala attentat ta' indottrinament u terapija ta' konverżjoni illegali bi ħsara għat-tfal[22]. Il-Qorti tirrikonoxxi illi l-materja tal-liberta' tal-individwu li jagħżel l-orjentazzjoni sesswali tiegħu u l-materja kontroversjali ta' *gender indoctrination* huma materji soċjo-politiċi sensittivi ferm li fil-każ in diżamina, sfaw fil-mira ta' tilwim bejn l-esponenti ta' żewġ partit mill-kamp politku oppost.

Fil-fatt, huwa assodat fil-ġurisprudenza tal-liġi tad-diffamazzjoni illi sabiex titqies bħala diffamatorja, jinħtieġ li l-imputazzjoni impunjata tkun ipperċepita bħala

---

[22] Dok. A annessa mal-Affidavit ta' Sandra Gauci.

diffamatorja f'għajnejn persuni raġjonevoli u ta' intelliġenza ordinarja u kwindi f'għajnejn is-soċjeta' in ġenerali, u mhux biżżejjed li l-imputazzjoni titqies bħala waħda diffamatorja biss f'għajnejn settur wieħed tas-soċjeta'.

Fir-rigward ġie ritenut:-

"'*Words are not defamatory, however much they may damage a man in the eyes of a section of the community, unless they also amount to disparagement of his reputation in the eyes of right-thinking men generally. To write or say of a man something that will disparage him in the eyes of a particular section of the community but will not affect his reputation in the eyes of the average right-thinking man is not actionable within the law of defamation.*'[23]

Ukoll:-

"*It is not enough to prove that the words rendered the plaintiff obnoxious to a limited class: it should be proved that the words are such as would produce a bad impression on the minds of average reasonable men*".[24]

Hemm ukoll il-fatt li ngħixu f'soċjeta' li tħaddan pluraliżmu ta' veduti politiċi differenti fejn l-ebda valur politiku jew soċjo-politiku m'hu aċċettabbli, jew mistmerr, minn <u>kull</u> membru tas-soċjeta' jew komunita' u hija ħaġa naturali u ovvja wkoll illi l-veduti politiċi kif ukoll *standards* soċjali u morali, ivarjaw minn individwu, jew grupp fil-komunita', għal ieħor, u jvarjaw ukoll maż-żmien.

Fil-fatt, ġie ritenut:-

---

[23] Gatley *ibid.,* jagħmel referenza għad-deċiżjoni fil-każ **Tolley v. Fry** (1930) 1 K.B. 467 CA at 479.

[24] ""... the defamatory nature of an imputation is ascertained by reference to general community standards, not by reference to sectional attitudes." – Defamation Law and Social Attitudes (Ordinary Unreasonable People), Roy Baker (page 61).

*The statement that a person is Communist has resulted in varying conclusions and it presents a good example of the importance of considering time and place in deciding whether words are defamatory. ... today it seems improbable that such an imputation woud be treated as defamatory. To call an aspirant for political honour a Socialist when in fact he does not belong to the Socialist party is no more defamatory than to describe a Free Trader as a Protectionist or a Protectionist as a Free Trader, for a statement is not defamatory simply because it is untrue".*[25]

*Multo magis* fis-soċjeta' moderna tal-lum fejn il-popolarita' dejjem tikber tal-politika tal-lemin xi kultant ukoll il-lemin estrem, hija realta' anke fis-soċjeta' ewropeja moderna tant illi l-partiti minn dan il-kamp politiku għamlu avvanzi notevoli fl-elezzjonijiet l-iktar reċenti fl-Unjoni Ewropa kif ukoll f'diversi pajjiżi Ewropej. Għalhekk ċertament il-kunċett tal-persuna raġjonevoli ta' intelliġenza ordinarja ma jistax jitqies li jeskludi l-persuna li tħaddan politika tal-lemin estrem.

Huwa indiskuss illi jeżistu fil-komunita' Maltija veduti dijametrikament opposti fuq materji bħalma huma diversita' tal-ġeneru u *transgenderism*, fejn jidher li l-veduti inqas liberali ikunu x'aktarx ixprunati l-iktar mit-tħaddin ta' valuri reliġjuzi sodi. Fil-fehma tal-Qorti il-komunita' Maltija hija komposta minn porzjoni sostanzjali ta' persuni li għadhom indeċiżi fejn jidħlu materji sensittivi u kontroversjali bħal dawk. Mhux faċli u lanqas ikun ġust illi xi waħda minn dawn il-veduti, ad esklużjoni ta' xi oħra, titqies bħala l-perspettiva tal-persuna ordinarja raġjonevoli.

Ikkunsidrat;

Illi aktar minn hekk, għandu jingħad ukoll illi anke jekk għal mument l-istqarrijiet impunjati mill-attur, senjatament dawk ippubblikati mill-partit ADPD, u mill-konvenuti Mina Tolu u Sandra Gauci, fihom allegazzjonijiet foloz, u mhux minnu li l-

[25] Duncan and Neil (On Defamation. Fifth Ed., 2020) jikkummentaw hekk fir-rigward:- "*... in the present day, allegations impugning a person's political or religious allegiance would be judged by quite different standards. It is also clear that allegations about a person's sexual orientation would not (absent an additional imputation of pretence or hypocrisy) be looked at in the same way as they would have been in the past.*" Paġna 34, 4.08.

azzjonijiet tal-attur (u sħabu mill-partit ABBA) kienu ta' fastidju lit-tfal jew nisslu xi intimidazzjoni, u mhux minnu lanqas illi l-politika tal-attur bħala l-Kap tal-Partit ABBA tixbaħ dik tal-"*fundamentalisti tal-lemin estrem reliġjuż stil Amerikan*", dan xorta waħda ma jfissirx neċessarjament ukoll li dawn huma diffamatorji. L-artikolu 3(4) tal-Att jistipola li stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba.

Ir-rekwiżit ta' ħsara serja jew potenzjal ta' ħsara serja, stipolat mill-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, hu fondamentali għas-suċċess ta' azzjoni għal malafama u l-Att dwar il-Midja u l-Malafama jistabbilixxi *threshold* ferm iktar oneruż u impenjattiv għas-success ta' azzjonijiet għal malafama, minn dak li kien rikjest taħt il-Liġi tal-Istampa (Kap. 248).

Skont Gatley:-

"*Whether the threshold of serious has been met is a multifactorial question, that ... will require the court to consider matters such as the nature and the inherent gravity of the allegation, whether the publication was oral or written, the status and the number of publishees and whether the allegations were believed, the status of the publisher and whether this makes it more likely that the allegation will be believed and the transience of the publication.*"[26]

Għandu jingħad ukoll illi l-attur naqas ukoll milli jipprova li xi waħda mill-pubblikazzjonijiet impunjati, inkluż għalhekk il-pubblikazzjoni li saret mill-konvenut Ralph Cassar, kellha impatt ta' ħsara sejra fuq ir-reputazzjoni tiegħu.

Hawnhekk ikun opportun li ssir referenza għall-insenjament fid-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit fil-każ ċelebri **Bruno Lachaux v. Independent Print Ltd et**,

[26] Gatley, *ibid.* 2.4, pg. 39. Emfasi tal-Qorti.

in tema tal-kriterji ġodda stabbiliti fl-artikolu 1 tad-Defamation Act 2013 (l-ekwivalenti tal-artikolu 3(4) tal-Att domestiku) għall-azzjonabbilita' tal-malafama:-

*"... section 1 necessarily means that a statement which would previously have been regarded as defamatory, because of its inherent tendency to cause some harm to reputation, is not to be so regarded unless it "has caused or is likely to cause" harm which is "serious". The reference to a situation where the statement "has caused" serious harm is to the consequences of the publication, and not the publication itself. It points to some historic harm,* ***which is shown to have actually occurred. This is a proposition of fact which can be established only by reference to the impact which the statement is shown actually to have had. It depends on a combination of the inherent tendency of the words and their actual impact on those to whom they were communicated****. The same must be true of the reference to harm which is "likely" to be caused.*[27] (emfasi tal-Qorti)

Il-Qorti qalet ukoll illi l-kejl tal-ħsara serja għandu jiġi determinat "*by reference to the actual facts about its impact and not just to the meaning of the words*".

Dan ifisser li bl-introduzzjoni tal-kriterju ta' ħsara serja u telf finanzjarju serju għall-prova tad-diffamazzjoni, **jeħtieġ li jiġi ppruvat mhux biss in-natura diffamatorja tal-kliem jew stqarrijiet pubblikati, iżda wkoll l-impatt negattiv ikkaġunat b'effett tal-pubblikazzjoni**, u għalhekk, mhux biżżejjed li l-karattru diffamatorju tal-istqarrija impunjata jiġi stabbilit biss b'referenza għat-tifsira tal-kliem u t-tendenza inerenti tagħhom li jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata. Illum, għas-suċċess tal-azzjoni jeħtieġ addizzjonalment li l-persuna aggravata jiddemostra bħala fatt, anke permezz ta' inferenza ta' fatt, illi l-ħsara kkawżata mill-pubblikazzjoni kienet serja jew hi potenzjalment serja[28].

---

[27] Paragrafu 14 tad-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit **Bruno Lachaux v. Independent Print Ltd et**.
[28] Ibid. para. 21 tad-deċiżjoni.

Għalhekk, il-Qorti trid tgħaddi biex tistabbilixxi jekk il-kriterju ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur hijiex sodisfatta bil-prova jew bl-inferenza ta' fatt li l-impatt tal-pubblikazzjoni kien wieħed ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur.

Fil-fehma tal-Qorti, ir-risposta hi fin-negattiv.

Huwa minnu li jinsab ritenut illi "*It has been held to be defamatory to write of someone that he he has been guilty of oppressive, intolerant, insulting, reprehensible, threatening or unbrotherly conduct or of a breach of duty ...*"[29] u huwa minnu wkoll illi l-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet ta' Mina Tolu u tal-Partit ADPD ġew ippubblikati lil u waslet għand numru sostanzjali ta' persuni – għaliex dawn ġew riprodotti fil-*mass media* bil-pubblikazzjonijiet fuq diversi *online news portals* fejn l-aċċess huwa liberu u mhux limitat u teżisti presunzjoni ta' ċirkolazzjoni u qari estensiv u għalhekk, ma jeħtieġx li tinġieb prova konkreta tal-firxa tal-pubblikazzjoni.

Madankollu, fix-xhieda tiegħu l-attur baqa' ma semma assolutament xejn fir-rigward ta' xi impatt li l-pubblikazzjoni impunjata kellha fuq ir-reputazzjoni tiegħu, għajr għall-fatt illi l-istqarrijiet tal-konvenuti fir-rigward tal-preżenza tiegħu fir-reċta tat-tfal ġew ippubblikati fuq siti elettroniċi ta' diversi midja *outlets*, bil-konsegwenza li l-kumitat tal-Partit ABBA kellu jżomm diversi laqgħat biex jiddiskuti dan l-episodju. Ta x'jifhem ukoll li l-pubblikazzjonijiet tal-konvenuti jistgħu potenzjalment tfixkel il-prospetti politiċi tal-Partit tiegħu. Iżda l-attur baqa' ma fissirx b'mod konkret kif l-istqarrijiet impunjati ikkaġunaw jew jistgħu jikkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni tiegħu fuq livell personali u ma ġab ebda prova kwalsiasi li tikkostitwixxi inferenza ta' fatt li saret jew tista' ssir ħsara sejra lir-reputazzjoni tiegħu. Il-fatt illi id-dikjarazzjonijiet impunjati ġew ippubblikati f'diversi *news portals elettroniċi*, liema pubblikazzjoni tista' tittieħed bħala fattur li jwassal inferenza ta' ħsara serja, huwa newtralizzat bil-fatt li dawn l-istess pubblikazzjonijiet jirrapportaw ukoll bi prominenza indaqs, il-pożizzjoni tal-Partit ABBA dwar l-illegalita' tal-attivita' in

[29] Gatley *ibid.* pg. 66/67 2.28.

diżamina u l-intenzjoni tal-Partit li jagħmel rapport fir-rigward lill-Pulizija biex din l-attivita' tiġi investigata bħala tenattiv ta' indottrinament u abbuż tat-tfal.

Għall-Qorti, dan kollu magħdud ifisser illi l-attur naqas milli jipprova kif imiss ir-rekwiżit tal-ħsara serja lir-reputazzjoni tiegħu. Nuqqas li fil-fehma tagħha għandu jitqies bħala ostakolu fondamentali għall-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni kif meħtieġ espressament mil-liġi u kwindi, għas-suċċess tal-azzjoni f'dan il-każ.[30]

Ikkunsidrat;

Illi fi kwalsiasi kaz, b'żieda mal-konsiderazzjonijiet appena magħmula, il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi l-pubblikazzjonijiet tal-konvenuta Mina Tolu, ma jistgħux jitqiesu bħala diffamatorji għall-attur, għaliex l-imputazzjoni li l-attendenza tal-attur fir-reċta tat-tfal fiċ-ċirkostanzi li joħorġu mill-provi, tikkostitwixxi forma ta' intimidazzjoni, tirrappreżenta l-opinjoni onesta tal-konvenut Mina Tolu li huwa persuna LGBTIQ+.

Din l-opinjoni evidentement, ġiet ibbażata fuq il-fatt, mistqarr mill-attur innifsu, li huwa kien attenda din l-attivita' intiża għal tfal żgħar ta' bejn 8 u 10 snin, flimkien ma' membri oħrajn tal-kumitat eżekuttiv tal-partit politiku ABBA, fejn kienu ġibdu filmat tar-reċta. Mina Tolu xehdet ukoll, b'mod inkontradett, li hija kienet ġiet mgħarrfa mill-organizzaturi tar-reċta illi l-presenza tal-uffiċjali tas-sigurta' fil-post fejn ġiet imtella' r-reċta, kienet meħtieġa minħabba l-attendenza tal-Partit ABBA li kienu bdew jiffilmjaw l-attivita'.

Huwa wkoll fatt ippruvat illi l-attur u l-kollegi tiegħu fil-Partit ABBA attendew għall-attivita' u ġibdu filmat tar-reċta u tal-creative workshop proprju biex jistabbilixxu illi

---

[30] Kwantu għall-pubblikazzjoni fuq Facebook ta' Ralph Cassar, hija nieqsa għal kollox il-prova li din waslet għand numru sostanzjali ta' qarrejja: l-attur ma ġab ebda prova dwar in-numru ta' segwaċi li l-konvneut għandu fuq Facebook, biex jintwera li din il-pubblikazzjoni kellha udjenza estensiva. Għalhekk, il-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni ikkaġunata mill-pubblikazzjoni tal-konvenut Ralph Cassar hija kompletament mankanti anke fuq dan il-livell.

attivitajiet bħal dawn jikkozzaw mal-politika tal-partit ABBA. L-attur innifsu xehed illi huwa u esponenti oħrajn tal-Partit ABBA kienu attendew għall-attivita' għaliex diversi ġenituri kienu lmentaw li kienu mħassba dwar il-benesseri tat-tfal li kienu qed jipparteċipaw fir-reċta u l-effetti potenzjali ta' din ir-reċta fuq it-tfal. Fix-xhieda tiegħu insista wkoll li huwa kien qed jagħmel xogħolu bħala l-Kap tal-Partit ABBA meta attenda għall-attivita' tal-Festival Żigużajg għaliex ried jivverifika jekk it-tfal kienux qed jiġu esposti għal tentattiv organizzat ta' indottrinazzjoni sesswali tat-tfal, materja li hija kundannata mill-politika tal-Partit ABBA.

Fil-fehma tal-Qorti, mingħajr ma tidħol fil-validita' tal-politika tal-partijiet politiċi dwar drittijiet ta' ugwaljanza ta' persuni LGBTIQ+, jew fl-aspett morali u legali tal-materja ta' *gender indoctrination*, u mingħajr ma tqis jekk l-attivita' in diżamina kienetx tikkostitwixxi forma ta' indottrinament sesswali, il-fatt illi (i) membri ta' Partit politiku konservattiv-kristjan, jattendu - mhux bħala ġenituri jew mistednin iżda bħala rappreżentanti ta' partit li jħanddan politika li wriet ruħha permezz tal-pubblikazzjoni ta' diversi stqarrijiet politiċi, li hi intrinsikalment opposta għall-kunċett ta' *transgenderism* u diversita' tal-ġeneru[31] - f'attivita' mtella' f'ambjent intiż għal tfal żgħar, u (ii) iktar minn hekk, jiġbdu filmat tat-tfal waqt ir-reċta, jistgħu fl-assjem tagħhom isawru f'persuna onesta u raġjonevoli l-fehma li din il-preżenza għal skop dikjaratament politiku, u l-iffilmjar tat-tfal għall-istess skop politiku, perċezzjoni oġġettiva ta' aġir li jnissel xejra ta' attentat ta' intimidazzjoni. *Multo magis* jekk il-presenza tal-uffiċjali tas-sigurta' fl-entratura tal-ispazju fejn kienet qed titella' din l-attivita' tat-tfal kienet tassew dovuta għall-attendenza tal-attur u l-partit tiegħu f'okkażjonijiet preċedenti.

Illi l-Qorti taqbel illi huwa l-jedd ta' kull individwu li jifforma opinjonijiet u jesprimihom lil ħaddieħor u għandu dritt ukoll jirrejaġixxi u jirrispondi għal dak li jiġri madwaru b'mod soġġettiv, anke jekk f'dan il-proċess ikun wasal għal konklużjonijiet mhux korretti: "*the right to make honest but derogatory expressions of*

---

[31] Ara Dok A mehmuż mal-Affidavit ta' Sandra Gauci. Ara wkoll xhieda Ivan Grech Mintoff, fejn ikkonferma li l-partit ABBA kien tella' stqarrija fuq is-sit elettroniku tal-partit www.abba.mt fejn wissa dwar l-implikazzjonijiet tal-attivita' in dizamina, paġna 56 tal-atti tal-kawża.

*opinions on such matters was and is an important safeguard for freedom of expression*".[32] Dan jgħodd ukoll jekk mhux b'iktar saħħa għall-opinjonijiet fuq veduri politiċi.

Hija sodisfatta fiċ-ċirkostanzi, li fil-kummenti tal-konvenut Mina Tolu (u Sandra Gauci), u l-istqarrija relattiva tal-Partit ADPD, huwa ravviżabbli bażi fattwali sostanzjali biżżejjed biex isawru opinjoni onesta skont l-artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama.

Il-fatt imbagħad li l-konvenut Mina Tolu għamel rapport lill-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Tfal biex tinvestiga dan l-allegat każ ta' intimidazzjoni ta' tfal da parti tal-Partit ABBA, huwa fatt inkontrovertibbli affermat mix-xhieda tal-Kummissarju tat-Tfal Antoinette Vassallo innifsiha u għalhekk, ma jistax ikun diffamatorju.

**Għal dawn il-motivi kollha, taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel tliet eċċezzjonijiet fir-Risposta tal-konvenuti u tilqa' r-raba', il-ħames, is-sitt, it-tmien, id-disa' u l-għaxar eċċezzjonijiet tagħhom safejn huma kompatibbli ma' dak hawn deċiż, tiċħad it-talbiet fir-Rikors ta' IVAN GRECH MINTOFF f'ismu proprju u in rappreżentanza tal-Partit Politiku ABBA, bl-ispejjeż ikun a karigu tal-istess attur *proprio et nomine*.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[32] **Joseph v. Spiller**, Lord Phillips, 2010, UKSC, 53 (2011) A.C. 852.